tihom tajba?... Għax, hu x'inhu, għandhom xkiel nieqes, fil-mixi fit-trîq tal-ħelsa), li ġisimhom m'hux sħîħ għal kollox f'did-dinja, ma għandhomx għal fejn jitbeżżgħu, għax fil-ħajja l-oħra, il-ħajja ta' dejjem, ikollhom ġisimhom kollu qawwi sħîħ. U l-ħajja ta' did-dinja qasîra, u tgħaddi bħal ħolma, imma d-dinja l-oħra hija bla tmiem.

BEN JEHUZA.

---

(1) Il-kliem ta' vers 6 tal-kap XVIII ta San Mattew jinsab miktûb ukoll fil-versi 1 u 2 tal-kap XVII ta' San Luqa; imma l-kliem tal-versi 8 u 9 ta' dal-kap (XVIII) ta' San Mattew, fejn jissemma l-qtûgħ tal-id u s-sieq u l-qlûgħ tal-għajn, ma jissemmiex f'San Luqa, u la hawn, anqas naħât oħra.

(2) F'Lulju tal-1956, it-tobba qalgħu għajn ix-xellugija ta' Mike Sibole, tifel t'erba' snin Amerikân, minn Florida, waqt li għajnu l-leminija kienu qalgħuhielu ftit żmien qabel, u hekk safa bla għajnejn. Ara l-gazzetti Ingliżi ta' dak iż-żmien li kollha tkellmu fit-tûl fûqu. Hekk ukoll ġara lil Mary-Rose Bartolo, tifla ta' tliet snin hawn Malta, f'Lulju tas-sena ta' wara 1957. Ara l-gazzetti ta' Malta ta' dîk il-ħabta.

(3) Ara l-midinba msemmija fl-Evanġelju ta' San Luqa, kap VII, versi 36-48, il għad li kienet magħrufa fil-pajjiż, ħadd ma waqqafha minn egħmilha.

(4) F'nota tal-ktieb: "A Chronological Harmony of the Gospels", ta' Patri Stephen Hartdegen O.F.M., faċċata 46, miktub hekk: *In the valley of Gehenna to the South of Jerusalem, the cult of Moloch had been practised. Later this abomination rightfully became a dumping ground with a perpetual fire to burn the city's refuse. In the Gospel it is used as a figure of eternal punishment.* Meta mort jien il-Palestina, f'Marzu 1920, u sa xi tliet snîn wara, kien għad baqa' ż-żibel jinħaraq dik in-naħa; m'hux ġewwa l-wied ta' Ġehenna sewwa, imma ftît 'il fûq minnu, qîsu nofs trîq bejn il-wied u Bâb il-Ħalîl. Kien saif u xitwa jdaħħan. Issa ma għadux għax hemm tala' ħafna bini.

(5) Hawn sa naraw kif inhûma fil-lsien tal-Palestina l-kelmiet li għandna x'naqsmu magħhom biss; il-bqija miktûb kîf nitkellmu hawn Malta.

(6) Ara l-ktieb ta' Matthew Black: "Aramaic Approach to the Gospels and Acts" taqsîma msemmija: *Alliteration, Assonance, and Paronomasia*, u nħawi oħra f'dak il-ktieb.

(7) Dawn il-kelmiet tal-aħħar m'humiex miktûba fil-ktieb ta' Black. Sibthom jien, għax naf m'hux ħażin il-lingwa tal-Palestîna. Ta' min isemmi hawnhekk li l-kliem tal-versi 25 u 26 li għedin insemmu, jagħtu 'l min jifhem li l-Kittieba u l-Faresin kienu jaħslu t-tazza u l-platt *minn barra biss* u jħalluhom (it-tazza u l-platt) maħmûġin minn ġewwa, ħâġa li anqas tista' ssir, għax int u taħsilhom minn barra, trid u ma tridx, bl-istess ilma, jinħaslu wkoll minn ġewwa (u anqas hemm għal fejn jagħmlu hekk, għax b'hekk m'humiex sa jnaqqsu x-xogħol). Imma Ġesù ma qalx *il-ġewwieni tat-tazza u tal-platt*, imma l-ġewwieni tal-Kittieba u l-Faresîn infûshom, jiġifieri l-qalb u l-kuxjenza tagħhom. Dan il-qlib imgħallat mill-Arâmi għal Grieg sar fil-bikri, għax jinsab ukoll f'san Luqa. Ara kap XI vers 39.

(8) Fejn hawn Malta ngħidu 'ħaqar', il-Palestina jgħidu 'qaħar'. Imma kieku Ġesù qal 'ħaqar' bħal Malti, il-figura tal-kliem (jiġifieri l-istess ittri, imma maqlubîn) tibqa' tajba xorta waħda.

# IL-QABAR TAL-PATRIJARKI F'HEBRON

Hebrôn hi waħda mill-eqdem bliet tad-dinja. Għall-ewwel l-isem tagħha kien Kirjet-Erbgħa (Ktieb in-Nisel, XXII, 2) imma issa il-Għarab jgħidulha "Il-Ħalîl", jiġifieri: "Il-Ħabîb (t'Alla)". Dan l-isem kien môgħti lil dik il-belt, għal ġìh kbîr li għandha, għax ġewwa fiha jinsâb il-Qabar tal-Patrijarki, li fosthom, Abraham huwa l-aktar magħrûf, u li kellu l-akbar ħbubija m'Alla.

Lil dan il-Maqdes ilha tingħatalu qîma minn mijiet kbâr ta' snîn, minn dawk kollha li jemmnu b'Alla

Wieħed: Lhûd, Insâra u Misilmîn. Jidher li ħadd ma jista' jġib raġunijiet tajba li dan il-Maqdes m'hux minnu, għad li t-tagħrif fûqu li wasal sa żmienna, mill-qedem, huwa ftît.

Fi Ktieb in-Nisel (taqsima XXIII) hemm miktûb li Abraham fil-mewt ta martu Sâra xtara minn għand Efron il-għalqa ta' Maqfla, li ġewwa fiha kien hemm għâr b'żewġ taqsimiet, u li ħallas fiha erba-mitt xekel tal-fidda, biex jidfen ġewwa fîha lil martu. Din ix-xirja hi msemmija fit-tùl fil-Ktieb Imqaddes, u b'kotra ta' rqaqât, għax hi magħdûda bl-ewwel temma tal-wegħda li Alla kien wiegħed lil Abraham meta qallu:

Fi mkejjen oħra tal-Kotba Mqaddsa jinsâbu xi tismijiet li aktarx għandhom x'jaqsmu mal-Għâr ta' Maqfla.

Qabel ma sâret il-qasma tal-Art Imwegħda, Kaleb talab lil Ġożwè, u qala' minn għandu, li jkûn môgħti lîlu r-raba ta' ma' dwar Hebrôn, kif kien wegħdu Mosè (Ġożwè, XIV, 6-13). Jiġîk f'râsek mill-ewwel li għalîh kienet hekk għażîża dik in-naħa, m'hux biss għâx hi art għammiela, imma wkoll għâx fîha jinsâb il-Għâr ta' Maqfla. Għal dân ukoll xejn m'hu ta' mîn jistagħġeb li lil ulied Aron tkûn mogħtija l-belt u r-rħûla ta' qribha, bħala maħrab għalihom



*Hebron — Dehra ta' biċċa mill-belt, u f'nofsha jidher Haram il-Ħalil, li hu biss għadu qawwi sħîħ mill-wisq bini li bena Erodi l-Kbir.*

"Din l-art li int târa, għâd nagħtiha lilek u lil uliedek, għal dejjem" (Nisel, XLIX, 31).

Meta, wara, miet Abraham, kien midfûn ma' ġenb Sâra (Nisel, XXV, 9). Isħâk, meta waslet mewtu, tqiegħed fîha wkoll, isieħeb lil missieru (Nisel, XXXV, 29) u hemm ukoll kienu midfûna Rebekka u Lija (XLIX, 31). Fl-aħħar Ġakobb ukoll kien midfûn hemmekka. Ta' hemma kbîra hija l-ġrajja, li dâna, hu u jmût amar għal uliedu li joħorġu ġismu mill-Eġittu u jidfnûh fil-Qabar ta' misserijetu (Nisel, XLIX, 29). Minn dan jidher li l-ġîh tal-għâr ta' Maqfla kull ma jmur kien jiżdied.

(Ġożwè, XXI, 11-13).

Aktarx ukoll li Dâvid, meta ġieb taħt idejh l-art kollha ta' Israel daħħal f'râsu l-ħsieb il jagħżel lil Hebrôn bħala l-belt il-kbîra ta' saltnatu, għax fiha kien hemm il-Għâr bl-Oqbra tal-Patrijarki, li bis-saħħa tiegħu sâret magħdûda b'Belt Imqaddsa. Dîn il-belt, Hebrôn, baqgħet magħdûda bħala Mqaddsa, ukoll wara li Dâvid għażel bħala belt tiegħu lil Ġerusalêm, għax iż-żmenijiet hekk kienu jitolbu. Meta Absalom talab lil missieru biex imur sa Hebrôn itemm il-wegħdiet li kien għamel lil Alla f'Ġessur tas-Surija, mill-ewwel qallu iwa (II Samwel, XV, 7-9), hekk li

wieħed jista' jaħseb li m'hux darba u tnejn, għal xi ħtieġa, kienu jsiru l-wegħdi li jmorru f'dak l-Imkien Imqaddes biex jagħtu 'l Alla ġîħ u qîma.

Lil Maqfla kellu f'moħħu l-Profêta Isajija meta qâl lil dawk li jfittxu 'l Alla: "La tinsewx il-blâta li minnha kontu maqtugħa, u l-għâr il-miftûħ li minnu ħriġtu. La tinsewx lil Abraham li nissilkom u lil Sâra li wilditkom (Isajija, LII, 1-2). Mela, dawn il-Patrijarki ma kienux nies tal-ħrejjef fit-thewdin tal-moħħ imma mirja ħajjîn ta' qdusija u twemmin f'Alla. Kienu nies li tas-sew għêxu fid-dinja, li l-fdâl tagħhom kien qiegħed jistrieħ ġewwa l-Għâr ta' Hebrôn, għal hekk il-Profêta fakkar lil-Lhûd fihom.

Fil-Kotba Mqaddsa ma jissemma mkien li kien hemm xi bini mwaqqaf fûq il-Għâr ta' Maqfla. L-ewwel wieħed li jsemmi xi ħâġa tal-bini f'dak l-imkien hu Ġużeppi Flâvju, li fl-istorja ta' x'għamel Xmûn il-Makkâbi fl-Idumija, għamel din it-tismija: "Jingħâd ukoll li Hebrôn kienet il-belt fejn għammar Abraham, missier il-Lhûd, wara li siefer mill-Mesopotâmja. Jingħâd ukoll li minn hemm ulîedu niżlu l-Eġittu. F'dik il-belt żgħîra għâdhom jurûk l-Oqbra tagħhom, magħmûla minn irħâm mill-isbaħ u maħdumîn b'sengħa kbira" (Gwerer tal-Lhud, IV, IX, 7). B'dan il-kliem wieħed ma għandûx jifhem li kien hemm biss xi mawsulew; għax għal Flâvju kienet ħâġa ta' hemma aktar minn kollox li jgħarraf kemm kien qawwi u mitwemmen il-għidût li jwettaq id-difna tal-Patrijarki f'Hebrôn.

Il-kitba qadîma tal-Lhûd li tinsâb imniżżla fil-kotba Apòkrifi, għenet m'hux ftît biex jibqa' mfakkar il-Maqdes tal-Patrijarki, u biex aktar dejjem jissemma.

F'dawn il-kotba l-isem ABRAMIUM hu mògħti m'hux biss lill-Għâr fejn hu midfûn il-Kbîr Patrijarka u l-bini ta' fûqu, imma wkoll lill-imkien ta' fejn kien jgħammar f'ħajtu, fejn jgħidulu Mambre, li min kiteb il-kotba Apòkrifi, kien jaħsibhom ħâġa waħda. Ħtija ta' dil-kitba mħawda, inqalgħet ix-xnija li l-Patrijarki kienu midfûna f'Mambre!

Fi żmien il-Biżantini, wieħed żawwâr minn Bordeaux, qrîb is-sena 333, u waħda mara twajba jisimha Eġêrija bejn is-snin 390-95, kitbu li f'Hebrôn kien hemm bini b'erbgħat uċûħ, sabîħ wisq (li hu, bla dgħul, il-Ħârem li hemm il-lûm). Żawwar ieħor minn Pjaċenza, qrib is-sena 570, sab f'Ħebrôn Bażilka bil-loġoġ quddiemha u bitħa b'erbgħat iġnieb daqsînsew, u bħal sala bla saqaf, maqsûma f'nofsha b'xatba. Min-naħa l-waħda tax-xatba kienu jidħlu l-Insara u minn-naħa l-oħra l-Lhûd (xogħol ta' żmien Ewdoċja, 461, u Ġustinjanu, 565). Jgħid ukoll dan iż-żawwâr li fis-26 ta' Diċembru, għîd Ġakobb u Dâvid, wisq nies, l-aktar Lhûd, minn kull naħa tal-Palestina kienu jmorru lejn l-*Abramium*, fejn kienu jagħmlu għors kbir u jagħtu qîma.

Fl-ewwel Seklu tal-Ħêġra (jiġifieri l-ewwel sena kif jgħoddu l-Misilmîn), bdew jissemmew iċ-*ċenotafji*, jew tifkiriet mibnija fuq l-Oqbra tal-Patrijarki. Jingħad li kienu magħmula minn ħaġar minġur u miksija bi rħâm abjad; tan-nîsa, Sâra, Rebekka u Lija, ftit iżgħar minn tar-rġiel, u anqas imżejna. Aktarx li kienu jinsâbu n-naħa tal-Qibla jew Nofsinhar tal-Ħarem (il-Għalqa ta' Maqfla, imdawra b'sur), fejn kienet

wieqfa l-Bażilka li l-Misilmîn kienu biddluha f'Moskija. Hebrôn saret waħda mill-erbgħat ibliet imqaddsa tal-Misilmîn.

F'dawk iż-żmenijiet kienu jingħadu ġrajjiet tal-biża' fuq il-Maqfla biex iż-żawwarin ma jfettlilhom imorru jidħlu fil-Għâr tal-Patrijarki. Il-Misilmîn għandhom biża' kbîr minn dak il-Għâr; biża' li hu miżjud u mkabbar mill-għassiesa tal-Ħaram infushom, għal bil-għani.

Fi żmien is-Salibijîn ġrat ħaġa li baqgħet miktûba u qajjmet wisq għidût l-aktar fost il-Misilmîn. Fis-sena 1119, il-Kanonki tal-Prijurât ta' Ħebrôn waslu sa fetħu l-Għâr Imqaddes ta' Maqfla; u wieħed qassis jismu Arnulfus fela bir-reqqa r-rkejjen kollha tal-Għâr, u fil-25 ta' Ġunju, wara għoxrin jum xogħol, seħħlu jsîb il-għâdam tat-tliet Patrijarki. Dan il-għâdam imbagħad ittieħed il-knisja u tqiegħed fejn jidher sew, u ġew jarawh u jagħtuh qima ġemgħat kbar ta' nies min Ġerusalêm u min inħawi ta' qrîbha (Ara: *Tractatus de Inventione SS. Patriarcharum*).

Bis-saħħa tal-Qabar tal-Patrijarki fis-sena 1168, Ħebrôn kienet magħmula maqgħad ta' Isqof.

Meta Ħebrôn reġgħet waqgħet f'idejn il-Misilmîn fis-sena 1192, il-Għâr baqa' miżmum b'qima mill-akbar, imma kien mimnugħ li jidħlu nies fih jekk ma jkunux Misilmin. Fis-sena 1267 is-sultan Bibars żejjen il-knisja li l-Misilmin kienu għamluha Moskija tagħhom, u għamel tiswijiet kbâr dwarha; u fis-sena 1332, Tankiz, viċi-re tas-Surija, kesa bir-rħâm l-erba' ħitân ta' ġewwa.

Meta l-Palestina ġiet f'idejn it-Torok (li dâmet taħt idejhom mis-sena 1517 sas-sena 1917, meta ħelsuha l-Ingliżi), Ħaram il-Ħalîl, jew Maqdes ta' Hebrôn, baqa' f'kollox bħal ma kien, jiġifieri, kif jgħiduha bil-Latîn, inżamm fi "Statu quo". Il-Lhûd, u drâbi l-Insâra wkoll, kienu jitolbu t-talb tagħhom quddiem toqba f'ħaġra kbîra fil-ħajt, li jingħâd li tinfed mal-Għâr Imqaddes, għâx il-Misilmîn ma kienux iħalluhom jidħlu fil-Haram. Imma fis-sena 1929, lil-Lhûd, anqas hemm ma ħallewhom jitolbu aktar.



*Hebron — Dehra ta' Ħaram il-Ħalîl minn barra. Iż-żewġ "kanpnari" li jidhru ma humiex qodma wisq, għax bnewhom il-Misilmîn meta ħadu l-Palestina minn idejn l-Insâra fis-sena* 1187.

Fl-4 ta' Diċembru 1917, Hebrôn waqa' f'idejn l-Ingliżi, immexxija mill-Ġeneral Allenby.

Mis-26 ta' Jannar sat-2 ta' Frar 1920, b'ordni tal-Kwartier Ġenerâli Ingliż, il-Kaptan Mackay u Père

Vincent O.P., flew il-Haram kollu għal dak li kellu x'jaqsam mal-Arkitettura u Arkeoloġija, imma ma kenitx mogħtija lilhom il-ħalla li jinżlu fil-Għâr. Tliet snin wara dawn iż-żewġ mgħallmîn ħarġu ktieb fuq i-xogħol li kienu għamlu. Il-ktieb hu bil-Franċiż, u jismu: *Hèbron: Le Haram El-Khalil. Par L.H. Vincent O.P., et le Capitaine E.S.H. Mackay. Paris,* 1923.

Ħaram il-Ħalîl magħmûl minn parallelogramma twil 65 metru u wiesa' 35; jgħaġġeb lil kull min jarâh bi qdumîtu u bil-kobor tal-ħaġar li mibnijin bihom ħitanu. Kif inhi l-fehma ta' nies għorrief, fosthom il-wisq imsemmi Père Vincent, il-bini tal-Ħàram hu xogħol ta' Erôdi aħdar tar-rġiel, u aħmar tan-nisa, imtarrżin bid-deheb.

Il-knisja, li kienet mibnija mill-Biżantini u mġedda mis-Salibijin, tinsâb in-naħa tal-Qibla jew Nofsinhâr tal-Ħàram. Hi magħmula minn tliet navi daqs xulxîn, mifrûda minn erba' qatet ta' kolonni, bir-rjus tagħhom, jew kaptelli, korintjani. Fost il-eghmâra li hemm ġewwa l-knisja, magħmûla mill-Għarab, l-isbaħ li hemm huwa l-Mîħrab u l-Manbar, minn fejn ix-Xiħ ifisser il-Qorân.

Id-daħla tal-Għâr issa hi mibnija u mkaħħla; biss minn rokna dejqa ta' ħerża ta' bir tista' tħâres ftît għal ġewwa l-Għâr. Il-Għâr huwa mudlâm, imma l-qiegħa tal-art itegħu



*Hebron — Ħaram il-Ħalîl minn ġewwa. Fix-xellug jidher il-Miħrab tar-rħâm imnaqqax, li jûri fejn hija l-Mekka. Fil-lemin jidher l-għarîx tal-ħarir, li taħtu, fil-għar, jinsab il-qabar ta' Abraham.*

l-Kbîr. Fi żmien il-Misilmîn inbnew fih erba' mwieden, jiġifieri bħal kanpnâri, minn fejn ix-Xiħ tal-Misilmîn jgħajjtilhom għat-tislija, midân f'kull xewka tal-Ħàram, imma issa minnhom baqa' biss tnejn. Il-Ħàram minn ġewwa fîh knisja bil-loġoġ quddiemha, li hi mibdûla f'Moskija, u bitħa mikxûfa. Sitt imqades żgħar jinsâbu 'l hawn u 'l hemm fil-Ħàram, li ġewwa kull wieħed minnhom jinsâb bħal mawsulew jew *ċenotafju*, tat-tliet Patrijarki u tan-nisa tagħhom. Dawn huma mgħottijin b'għâta mill-ifħar, tal-bellûs u tal-ħarîr; tidher miksija bil-biċċiet żgħar tal-karti, Dawn il-karti jixtħuhom il-Misilmîn, u jkûn fihom miktûb x'jixtiequ li jaqlagħlhom minn Alla l-Patrijarka Abraham.

Dawk il-ftît nies li fl-imgħoddi kellhom ix-xorti li jinżlu fil-Għâr Imqaddes ta' Maqfla biex iħârsu ħarsa bil-għaġla, ma jaqblux bejniethom meta jfissru x'hemm ġewwa fîh. L-Arkitett Ermete Pierotti li qagħad il-Palestina erba' snin (mis-sena 1861 sal-1864) u niżel fil-Għâr, jgħîd li hemm sitt twiebet jew *sarkofagi* tal-ħaġar abjad, imqassmîn taħt iċ-*ċeno-*

*tafji* li hemm fuq. Imma l-Kurunell Ġermaniż R. Meinertzhagen, li niżel fih fis-sena 1917, jgħîd li ma rax ħlief bħal priżma b'erbat ixfâr, li fiha qisha xi żewġ metri tul u xi metru wisa', u ftit anqas minn metru għôli.

Kieku kellha tkun miflija sew il-Maqbra tal-Patrijarki, ħâġa li l-ebusija ta' râs il-Misilmîn ma ħalliet qatt li ssîr, anqas minn Rènan u sħâbu li kellhom f'idejhom il-ħalla mis-Sultân tat-Torok, tista' tagħti m'hux ftît dawl fuq il-bini ta' Ħàram il-Ħalîl u fuq iż-żmenijiet tal-ħajja tal-Patrijarki u l-Maqdes tagħhom. Imma mqâr mingħajr sejbien ta' ħwejjeġ ġodda, il-Kbîr Maqdes ta' Hebrôn għandu l-jeddijiet kollha meħtieġa biex jitwemmen l-isem tal-għâġeb tiegħu, li hu l-QABAR TAL-PATRIJARKI; isem li hu aqwa minn kull żîna u ġmiel li tista' tâgħti kull xorta ta' sengħa.

*P. ĠAĊINTU FACCIO O.F.M.*

# ~~MIN KIEN FAHAR ID-DIN~~

~~F'dan il-Qari semmejna' aktar minn darba lil Faħar id-Dîn, wieħed râs kbîra Mislem, Emîr tal-Galilija li kien iħobb wisq lill-Insâra, (1) u li bis-saħħa tiegħu l-Franġiskani tal-Art Imqaddsa kisbu l-Imqâdes tal-Lunzjâta f'Nazaret, u tas-Salvatur fuq it-Tâbor. Hawn sa ngħidu fil-qosor, dan l-Emîr tajjeb, Faħar id-Dîn, min kien.~~

~~Faħar id-Dîn twieled fis-sena 1584 (jiġifieri dsataxer sena wara l-Assedju l-Kbîr ta' Malta), u kien mill-qabîl, jew *tribù* ta' Beni-Magħan, li fis-sena 1119, il-Bâxa ta' Damask kien tahom biċċa art kbira jgħidulha Xûf, f'Libnân. Beni-Magħan kienu mix-xirka tal-Misilmîn li jgħidulhom Druż.~~

~~Meta Faħar id-Dîn kien għad kellu sena, mietlu missieru, li kien Emîr ta' Xûf, jismu Qarqamas. Dân, qabel ma miet ħalla lill-ibnu u t-tmexxija ta' artijietu, u ħsieb ġîdu, f'idejn ħuh, Sagħad id-Dîn, li kien râġel ta' moħħu jilħaqlu. Dân m'hux biss li hâ ħsieb sewwa tal-artijiet u ta' ġid ħuh, il-mejjet, imma wkoll żiedhomlu, billi sar midħla tal-Bâxa ta' Damask, ħelsu minn qabda għakkûx, u b'riħet hekk kiseb oqsma ta' raba, tajbin għaż-żriegħ, f'Libnân. Kien hemm min xlieħ lis-Sultân li hâ artijiet għajru, imma min xlieħ ma għamel xej, għax Sagħad kien dejjem ġieb rûħu ta' qaddej emîn tas-Sultân.~~

~~Faħar id-Dîn tgħallem tajjeb l-iskôla, u trabba sewwa, f'dar għammu Sagħad; u meta kiber u hâ f'idejh ħwejjeġ missieru, l-ewwel ħsieb tiegħu kien li jżid ikabbar l-artijiet ta' Xûf, u jwassalhom sa xatt il-baħar, u jagħmel ħbieb mal-Benduqîn, jew *Venezjani*, li kienu dâli jbaħħru dik in-naħa, għal kemm kienu għedewwa tas-Sultân. Għal biċċa xogħol bħal din kien meħtieġ għaqal kbir, u Faħar id-Dîn, għad li żagħżugħ ħadem bil-għaqal u b'biċċa għodda oħra — li min jista' jaħdem biha dejjem iġibha żewġ fid-dinja — dik il-għodda li jgħidulha DEHEB, Deheb, li lewnu jlellex fil-għajnejn u ħossu ħelu fil-widnejn!~~

~~Hekk, mela, Faħar id-Dîn, billi jżiegħel bis-Sultân Tork u jitqâbad u jġib taħt idejh il-kbarât Għarab, ħakem, f'naħa waħda, lil Bejrût, Bagħalbek, Sajda, Sur Għakka, u Hajfa; u n-naħa l-oħra Għaġlûn u Safat. Dawn kollha saru artijiet tal-~~